

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tieni sett ta’ riżorsi proprji ġodda”**(opinjoni esploratorja)**

(2023/C 293/03)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Konsultazzjoni	20.1.2023, Ittra ta’ Maroš ŠEFČOVIČ, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fis-sezzjoni	30.5.2023
Adozzjoni fil-plenarja	14.6.2023
Sessjoni plenarja Nru	579
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	140/67/12

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Kif diġà ddikjara l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) fl-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar din il-kwistjoni ⁽¹⁾, hemm bżonn tal-qbil tal-Istati Membri biex jiżiedu riżorsi proprji ġodda biex ikopru l-ħlas lura tad-dejn li jirriżulta mis-self taħt in-NextGenerationEU mingħajr ma jiġu pperikolati l-baġits ta’ programmi tal-UE, jew mingħajr ma tinżied sostanzjalment il-kontribuzzjoni tar-riżorsi bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING).

1.2. Il-KESE jenfasizza li t-tfassil ta’ proposti għal sorsi ġodda ta’ dħul proprju għandu jsir fil-kuntest tal-pressjonijiet baġitarji li jiffaċċjaw l-Istati Membri wara l-pandemija u t-tensjonijiet internazzjonali ta’ bħalissa. Dan sar aktar u aktar importanti fix-xenarju attwali tar-rata tal-imgħax ogħla, li jista’ jwassal biex ir-riżorsi proprji l-ġodda proposti fil-pakkett tal-Kummissjoni tal-2021 ma jkoprux il-kost kollu biex titħallas lura n-NextGenerationEU.

1.3. Il-KESE jinnota li hija fis-seħħ ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ li mhuwiex riċiklat. Huwa jenfasizza l-importanza li l-proposta leġiżlattiva l-ġdida dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ relatat mal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat tiġi adottata u trasposta b’mod armonizzat. Il-KESE jqis ukoll riżorsa proprja kkalkulata abbażi tal-volum ta’ skart muniċipali bħala għażla oħra li tista’ tiġi implimentata (jekk huwa teknikament u ambjentalment fattibbli), li tkun tappoġġja wkoll l-ekonomija ċirkolari.

1.4. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa malajr kemm jista’ jkun il-proposti dwar L-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt (BEFIT). F’dan ir-rigward, il-KESE jstieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri ċari fir-rigward tas-semplifikazzjoni tax-xenarju tat-taxxa u fir-rigward tal-iżgurar tal-kompetittività tad-direttivi eżistenti u ġodda dwar it-tassazzjoni. B’mod partikolari, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li r-regoli tal-BEFIT jiġu bbażati fuq definizzjonijiet u standards armonizzati kif ukoll stima aktar irfinata tad-dħul addizzjonali potenzjali marbut mal-implimentazzjoni tiegħu.

1.5. Il-KESE jqis li huwa raġonevoli li tiġi esplorata l-possibbiltà li s-servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-BEFIT jew li tiġi żviluppata taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji kif propost mill-Parlament Ewropew waqt li fl-istess ħin jiġu vvalutati l-impatti tal-proposta.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-ġenerazzjoni li jmiss tar-riżorsi proprji tal-baġit tal-UE” (COM(2021) 566 final), “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027” (COM(2021) 569 final — 2021/0429 (APP)) u “Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea” (COM(2021) 570 final — 2021/0430 (CNS)) (ĠU C 323, 26.8.2022, p. 48).

1.6. Il-KESE jilqa' l-ftehim bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM). Barra minn hekk, bl-għan li jinkisbu kundizzjonijiet aktar ekwivalenti f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol, il-Kummissjoni tista' tippromovi imposta addizzjonali mmirata lejn il-kumpaniji tal-UE li jimportaw prodotti minn manifatturi ta' pajjiżi terzi li ma jiżgurawx protezzjoni xierqa tal-ħaddiema, dment li dan huwa konformi mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u soġġetta għal kriterji ċari meta tiġi applikata. Fl-istess ħin, il-KESE jerġa' jenfazizza l-ħtieġa għal ċerta eżenzjoni mid-dazji fuq l-esportazzjoni għall-kumpaniji tal-UE biex jikkompetu fi swieq terzi.

1.7. Skont il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, il-KESE jinnota li kien intlaħaq qbil dwar perjodu ta' waqfien u rtirar li jikkonċerna t-taxxi diġitali. Madankollu tista' potenzjalment titqies taxxa fl-UE kollha fuq it-tranżazzjonijiet diġitali biex jiżiedu r-riżorsi proprji f'każ li r-regoli miftiehma tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 ma jiġux rispettati minn imsieħba kummerċjali ewlenin oħra.

1.8. Il-KESE jenfazizza wkoll li t-tieni sett ta' miżuri ta' riżorsi proprji għandu jkun konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità u l-ġustizzja soċjali. Barra minn hekk, il-KESE jtenni li l-proposti kollha dwar ir-riżorsi proprji għandhom jiġu appoġġjati b'valutazzjoni tal-impatt tal-effettività tagħhom.

2. Kuntest

2.1. L-Artikolu 311 tat-TFUE jistipula li, mingħajr preġudizzju għal dħul ieħor, il-baġit tal-UE għandu jiġi ffinanzjat kompletament bir-riżorsi proprji tal-UE. Dawn ir-riżorsi jistgħu jiġu definiti bħala flussi ta' dħul assenjati direttament lill-UE mingħajr il-ħtieġa ta' xi deċiżjoni addizzjonali mill-Istati Membri. Madankollu, il-parti l-kbira tad-dħul tal-UE tikkonsisti, fil-prattika, f'kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri ⁽²⁾.

2.2. Meta ppreżentat il-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2023, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret proposta għat-tieni pakkett ta' riżorsi proprji ġodda, li bħalissa huwa pplanat għat-tielet kwart tal-2023 u li tibni, fost l-oħrajn, fuq il-proposta leġiżlattiva mħabbra dwar sett uniku ta' regoli tat-taxxa għan-negozju fl-Ewropa (BEFIT). Dan jantiċipa b'sena l-iskeda tal-ftehim interistituzzjonali ppreżentat f'Diċembru 2020 ⁽³⁾.

2.3. It-tieni pakkett ta' riżorsi proprji jsegwi l-ewwel wieħed, ippreżentat matul Diċembru 2021 ⁽⁴⁾, li kien ibbażat fuq tliet sorsi ġodda ta' dħul. L-ewwel sors huwa bbażat fuq id-dħul mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), it-tieni huwa bbażat fuq ir-riżorsi ġġenerati mill-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera (CBAM), u t-tielet huwa bbażat fuq is-sehem tal-profitti residwi minn kumpaniji multinazzjonali li se jiġu riallokati lill-Istati Membri tal-UE skont il-ftehim tal-OECD/G20 dwar riallokazzjoni tad-drittijiet ta' ntaxxar ("l-Ewwel Pilastru").

2.4. L-għan tal-proposta l-ġdida dwar ir-riżorsi proprji huwa li jiġi żgurat fluss reżiljenti u diversifikat ta' dħul għall-UE, waqt li jiġu evitati kemm tnaqqis mill-programmi tal-UE kif ukoll żieda eċċessiva fil-kontribuzzjonijiet għall-baġit tal-UE abbażi tal-introjt nazzjonali gross (ING) tal-Istati Membri.

2.5. L-impatt fit-tul fuq il-baġit tal-UE tan-NextGenerationEU – implimentat bħala għajnuna biex jiġi indirizzat it-tfixkil ekonomiku u soċjali kkawżat mill-pandemija – se jitqies fi ħdan il-qafas il-ġdid, li huwa mfassal biex is-sett il-ġdid ta' riżorsi proprji jintuża b'mod adatt biex jitħallsu lura b'mod kostanti l-fondi mislufa fis-swieq kapitali mill-Kummissjoni għall-komponent tal-għotja tan-NextGenerationEU sa mhux aktar tard mill-2058. Għandu jiġi nnutat li l-ħlas lura tal-kapital u l-imgħax iridu jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE b'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

2.6. Qabel il-proposta tagħha dwar it-tieni sett ta' riżorsi proprji ġodda, il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iressaq il-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu sabiex jarrikkixxu l-proposta tagħha bil-perspettiva tal-KESE.

2.7. L-Opinjoni attwali tal-KESE tissupplimenta dik preċedenti maħruġa mill-Kumitat dwar l-istess suġġett ⁽⁵⁾ b'xi adattamenti biex jiġu kkunsidrati d-dibattitu istituzzjonali li jinsab għaddej u l-aktar żviluppi reċenti.

⁽²⁾ Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew.

⁽³⁾ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji tas-16 ta' Diċembru 2020 (L4331/28).

⁽⁴⁾ COM(2021) 566 final.

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta għal deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji (ĠU C 323, 26.8.2022, p. 48).

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE japprezza li għandu l-possibbiltà li jerġa' jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar kwistjoni kruċjali u strateġika għall-futur tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE.

3.2. F'dan ir-rigward, il-KESE jixtieq jenfasizza li d-dibattitu dwar l-oriġini tar-riżorsi proprji, u l-użu tagħhom għall-baġit tal-UE b'rispett tal-prinċipju tal-universalità, għandu jsir mhux biss fost l-istituzzjonijiet Ewropej, iżda wkoll b'mod ġenerali bl-involvement tal-komunità tan-negozju, imsieħba soċjali oħra u s-soċjetà ċivili, inklużi rappreżentanti ta' kemm jista' jkun kategoriji ta' ċittadini tal-UE, u b'hekk jiġu involuti wkoll gruppi ta' età akbar u gruppi vulnerabbli.

3.3. Kif irrimarka fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Proposta għal deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, il-KESE jaqbel li huwa meħtieġ li jiġu previsti riżorsi proprji ġodda biex jiġu sostnuti kif dovut l-aġenda u l-oġġettivi tal-UE mingħajr ma jiġu pperikolati l-baġits tal-programmi tal-UE taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 u mingħajr ma tinżied b'mod sostanzjali l-kontribuzzjoni tar-riżorsi bbażati fuq l-introjt nazzjonali gross.

3.4. Fl-istess ħin, il-KESE jinnota li, bl-introduzzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat, tnaqqas is-sehem għoli tal-kontribuzzjoni tal-ING min-naħa tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza l-importanza li l-proposta leġiżlattiva ġdida dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ tiġi adottata u trasportata b'mod armonizzat bl-għan li jitnaqqas il-piż tal-konformità.

3.5. Il-KESE jittama li t-tieni sett imħabbar ta' miżuri ta' riżorsi proprji jkun konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità u l-ġustizzja soċjali, waqt li jinstab bilanċ adatt bejn il-ħtieġa li jkun hemm baġit finanzjarju b'saħħtu li jkun kapaċi jsostni l-oġġettivi tal-UE, minn naħa waħda, u l-koeżjoni soċjali kif ukoll ambjent li jiffavorixxi n-negozju, min-naħa l-oħra.

3.6. Il-KESE jenfasizza l-importanza li ssir distinzjoni bejn ir-riżorsi proprji tal-UE u l-politiki fiskali tal-UE: filwaqt li tal-ewwel jużaw għodod ta' ntaxxar biex jiżguraw flussi ta' dħul adegwati li jiffinanzjaw lill-baġit tal-UE, il-politiki fiskali tal-UE għandhom ikunu mmirati biex jippromovu l-integrazzjoni ekonomika, kif ukoll itejbu u jiżviluppaw aktar is-suq uniku, minflok iżidu l-piżijiet tat-taxxa u jipperikolaw l-integrazzjoni soċjali u ekonomika.

3.7. Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-proposta tal-Kummissjoni ser ikollha tikkunsidra bir-reqqa l-impatt negattiv tal-attakk tar-Russja fuq l-Ukrajna, li qed jippersisti maż-żmien, bil-konsegwenzi relatati tiegħu f'termini ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali, l-impatt fuq il-ktajjen tal-provvista, u t-tensjonijiet internazzjonali, u b'hekk joħloq kuntest kumpless li għandu jiġi indirizzat. Kuntest bħal dan jinkludi, fost oħrajn, inflazzjoni persistenti, rati tal-imgħax li qed jogħlew sabiex itaffu l-inflazzjoni nnifisha. Dan kollu joħloq ambjent ekonomiku diffiċli ħafna għall-proposta tal-Kummissjoni.

3.8. Fid-dawl tal-kuntest imsemmi hawn fuq, il-KESE josserva li l-pressjonijiet baġitarji li jiffaċċjaw l-Istati Membri wara l-pandemija u matul it-tensjonijiet internazzjonali ta' bħalissa għandhom jitqiesu sew bl-għan li jiġu żviluppati proposti għal sorsi ġodda ta' dħul baġitarju tal-UE. Il-KESE jinnota li l-għbir tad-dħul fil-livell tal-UE jpoġġi pressjoni ulterjuri fuq il-baġits nazzjonali. Barra minn hekk, il-ħlas lura tas-self tan-NextGenerationEU mill-baġit tal-UE huwa impenn partikolari, li possibbilment iwassal għal kontribuzzjonijiet oġhla mill-Istati Membri fin-nuqqas ta' riżorsi proprji ġodda.

3.9. Fl-istess ħin, il-KESE jirrimarka li r-riżorsi proprji l-ġodda proposti fl-ewwel pakkett tal-Kummissjoni fl-14 ta' Diċembru 2021 aktarx li mhux se jkun biżżejjed biex ikopru l-obbligi attwali kollha tal-UE anke minħabba l-ambjent ta' rata tal-imgħax oġhla.

3.10. Il-KESE jqis li huwa importanti li jkun hemm baġit tal-UE sod u b'saħħtu li jkun kapaċi mhux biss jiżgura l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea, iżda wkoll li jappoġġja kif xieraq it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali bl-isfidi u l-adattamenti kollha li dawn se jiġbu magħhom għall-Istati Membri, ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali, kif ukoll għan-negozji madwar l-Ewropa.

3.11. Il-KESE josserva li, sabiex jissaħħu b'mod effettiv il-baġit tal-UE u l-qafas finanzjarju pluriennali, l-għotjiet tan-NextGenerationEU se jkollhom jitħallsu lura matul il-perjodu ta' żmien speċifikat mingħajr estensjoni ulterjuri sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' kostijiet tas-self eċċessivi li jirriżultaw minn durata mtawla b'mod eċċessiv, li tkun ta' detriment għat-tkabbir ekonomiku u l-benesseri soċjali għall-ġenerazzjonijiet futuri. Dan huwa partikolarment minnu matul il-perjodu attwali ta' rati tal-imgħax li qed jogħlew, u li minħabba fihom id-dejn qed isir aktar diffiċli biex jiġi sostnut fit-tul u l-ispejjeż ta' finanzjament qed isiru pjuttost imprevedibbli.

3.12. Bħala prerekwiżit biex tiġi proposta riżorsa proprja bbażata fuq it-tassazzjoni korporattiva, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa, b'urġenza, il-proposta dwar sett komuni ta' regoli biex tiġi stmata l-bażi għat-taxxa korporattiva għal entitajiet ibbażati fl-UE li huma parti minn grupp bi dħul globali kkonsolidat li jaqbeż ċertu livell limitu. Il-BEFIT se jinkludi wkoll dispożizzjonijiet għall-allokkazzjoni tal-profitti lill-Istati Membri abbażi ta' formula ta' tqassim. Ladarba jiġu allokati, il-profitti jkun soġġetti għar-rata tat-taxxa korporattiva tal-Istati Membri rispettivi.

3.13. Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni ħabbret li se timmira li tibni fuq il-proposta tal-BEFIT biex tiżviluppa fluss addizzjonali ta' riżorsi proprji tal-UE. Madankollu, jista' jkun pjuttost diffiċli li jintlaħaq qbil politiku dwar proposta bħal din, kif urew il-proposti tal-BKKT (6) tal-2011 u l-2016 fil-passat.

3.14. Il-KESE jappella għal dibattitu li jinvolvi lill-partijiet interessati kollha fir-rigward tal-BEFIT, peress li dan se jgħin biex tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-impatt tiegħu. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza li l-BEFIT jeħtieġ għanijiet ċari u prinċipji ewlenin sabiex iwassal għal semplifikazzjoni tax-xenarju tat-taxxa u jiżgura l-kompetittività tad-Direttivi eżistenti u ġodda tat-taxxa.

3.15. Il-KESE jenfasizza li r-regoli potenzjali dwar il-BEFIT għandhom ikunu bbażati fuq definizzjonijiet u standards armonizzati sabiex jippermettu l-funzjonament tajjeb tal-proposta fis-suq intern kollu, kif ukoll stima aktar irfinata tad-dħul addizzjonali potenzjali marbut mal-implimentazzjoni tal-BEFIT, jekk tali dħul fil-fatt jimmaterjalizza (7).

3.16. Il-KESE jirrimarka li, fi kwalunkwe każ, hemm volatilità intrinsika assoċjata mad-dħul mit-taxxa korporattiva, li tirriżulta f'kumplessità biex issir stima preċiża tad-dħul fiskali futur li għandu jintuża għar-riżorsi proprji. Dan huwa partikolarment minnu fil-kuntest ekonomiku attwali b'inflazzjoni għolja u żidiet fir-rata tal-imgħax. Fir-rigward ta' dan is-suġġett, il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni twettaq studji ddedikati u simulazzjonijiet ta' valutazzjoni tal-impatt bl-għan li tiġi stabbilita firxa affidabbli ta' riżorsi proprji li jstgħu jinġabru permezz tal-BEFIT. Madankollu, il-KESE jwissi dwar kwalunkwe spiża addizzjonali ta' konformità għan-negozji.

3.17. Peress li l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-BEFIT se tibni fuq l-approċċ b'żewġ pilastru tal-Qafas Inklużiv li l-OECD u l-G20 isegwu fir-rigward tal-allokazzjoni tal-profitti (Pilastru 1) u r-regoli komplementari (Pilastru 2), il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tkompli taħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mal-inizjattivi internazzjonali biex tiżviluppa l-proposta BEFIT.

3.18. Kif issuġġerit ukoll mill-Parlament Ewropew, tista' tiġi esplorata l-possibbiltà li s-servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-BEFIT, jew li tiġi żviluppata taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, waqt li fl-istess ħin jiġu vvalutati l-impatti possibbli. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-taxxa għandhom imbagħad jiġu kkombinati ma' regoli mmirati bl-għan li jiddedikaw parti mid-dħul addizzjonali mit-taxxa mistenni għar-riżorsi proprji tal-UE.

3.19. Il-KESE jfakkar li l-uniku objettiv tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri maqbul bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew kien biex ihegġegħ lill-imsieħba kummerċjali tal-UE jiddekarbonizzaw il-produzzjoni tagħhom flimkien mal-UE. Dan ġie propost bħala riżorsa proprja fl-ewwel pakkett. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tqis il-possibbiltà ta' imposta addizzjonali mmirata lejn kumpaniji tal-UE li jimportaw prodotti minn manifatturi ta' pajjiżi terzi li ma jiżgurawx protezzjoni xierqa tal-ħaddiema. Din l-għażla titqies biss sakemm tkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO u soġġetta għal kriterji ċari meta tiġi applikata. Din l-imposta tista' ttiprovdi ċerta protezzjoni lill-ħaddiema f'pajjiżi terzi u bil-mod il-mod tgħin biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwivalenti f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol bejn l-UE u blokko kummerċjali oħra. Fl-istess ħin, il-KESE jappella għal xi forma ta' eżenzjoni mid-dazji tal-esportazzjoni sabiex il-kumpaniji tal-UE jkunu jstgħu jikkompetu fi swieq terzi. Dan ġie enfasizzat f'Opinjoni preċedenti tal-KESE dwar is-CBAM.

3.20. Skont il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20, fejn kien intlaħaq qbil dwar perjodu ta' waqfien u rtirar li jikkonċerna t-taxxi diġitali, il-KESE huwa tal-fehma li tista' potenzjalment titqies taxxa fl-UE kollha fuq it-tranżazzjonijiet diġitali biex jiżiedu r-riżorsi proprji. Madankollu, dan japplika biss f'każ li r-regoli miftiehma tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 ma jiġux rispettati minn imsieħba kummerċjali ewlenin oħra.

3.21. F'każijiet fejn ikun teknikament u ambjentalment fattibbli li jiġi rriċiklat l-iskart muniċipali, riżorsa proprja bbażata fuq l-istatistika li tibbaża fuq il-volum ta' skart muniċipali hija għażla oħra li tista' tiġi implimentata biex ir-rimi fil-landfill u l-inċinerazzjoni jsiru aktar għaljin mir-riċiklaġġ, u b'hekk tiġi appoġġjata l-ekonomija ċirkolari fis-suq intern kollu.

3.22. Kif irrimarka fl-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar il-proposta għal deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, il-KESE jsostni li l-effiċjenza u l-effettività fil-għbir, l-amministrazzjoni u l-infiq sussegwenti tar-riżorsi proprji huma kruċjali fl-istadji kollha u huma aspetti strateġiċi biex jiġi żgurat użu adatt u produttiv li jisfrutta r-riżorsi proprji biex jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi stabbiliti mill-aġenda tal-Kummissjoni.

(6) Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva.

(7) L-għan tal-BEFIT huwa li jissemplifika u jippermetti konsolidazzjoni effettiva tal-profitti u t-telf, u mhux neċessarjament li jiġbor aktar dħul.

3.23. Fl-aħħar nett, u b'konformità wkoll mal-Opinjoni preċedenti dwar il-proposta għal deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji, il-KESE jtenni l-importanza li l-proposti kollha dwar ir-riżorsi proprji jiġu appoġġjati minn valutazzjoni tal-impatt dwar l-effettività tal-miżuri proposti, u, b'mod partikolari, dwar id-dħul li tali miżuri huma mistennija jiġġeneraw.

Brussell, l-14 ta' Ġunju 2023.

Oliver RÖPKE
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ANNEX

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 74(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

EMENDA 3**ECO/617 — It-tieni sett ta' riżorsi proprji ġodda****Paragrafu 3.18****Ibdel it-test kif ġej**

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Kif issuġġerit ukoll mill-Parlament Ewropew, tista' tiġi esplorata l-possibbiltà li s-servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-BEFIT, jew li tiġi żviluppata taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-taxxa għandhom imbagħad jiġu kkombinati ma' regoli mmirati bl-għan li jiddedikaw parti mid-dħul addizzjonali mit-taxxa mistenni għar-riżorsi proprji tal-UE. Madankollu, il-KESE jifhem li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tista' possibbilment tagħmel lill-UE inqas kompetittiva, speċjalment jekk tiġi applikata biss fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq bażi wiesgħa x'aktarx li ma tiġborx ħafna f'termini ta' dħul iżda xorta tista' tħalli impatt negattiv fuq in-negozji u l-unitajiet domestiċi Ewropej, u potenzjalment tnaqqas it-tkabbir b'aktar pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi.</p>	<p>Kif issuġġerit ukoll mill-Parlament Ewropew, tista' tiġi esplorata l-possibbiltà li s-servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-BEFIT, jew li tiġi żviluppata taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji ⁽⁹⁾. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-taxxa għandhom imbagħad jiġu kkombinati ma' regoli mmirati bl-għan li jiddedikaw parti mid-dħul addizzjonali mit-taxxa mistenni għar-riżorsi proprji tal-UE. Madankollu, il-KESE jifhem li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tista' possibbilment tagħmel lill-UE inqas kompetittiva, speċjalment jekk tiġi applikata biss fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq bażi wiesgħa x'aktarx li ma tiġborx ħafna f'termini ta' dħul iżda xorta tista' tħalli impatt negattiv fuq in-negozji u l-unitajiet domestiċi Ewropej, u potenzjalment tnaqqas it-tkabbir b'aktar pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi.</p> <p>⁽⁹⁾ <i>Fit-28 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE. Ma ntlaħaqx qbil dwarha fil-Kunsill, u fl-14 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ppreżentat proposta bil-għan li t-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tiġi introdotta fi hdx-il Stat Membru permezz tal-istrument ta' "kooperazzjoni msaħħa". Ma sar l-ebda progress dwar din il-kwistjoni, anke bejn dawn l-Istati Membri, minkejja l-fatt li d-dossier jiġi diskuss b'mod regolari fl-ECOFIN.</i></p>

Raġuni

Din hija informazzjoni ta' sfond importanti ħafna li għandha tiżdied, li tispjega lill-qarrej tal-Opinjoni kemm għadha politikament ikkumplikata l-introduzzjoni tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji madwar l-Istati Membri tal-UE, minkejja l-fatt li l-inizjattiva leġislattiva tal-Kummissjoni kienet diġà ġiet proposta kważi 12-il sena ilu. Dan juri biss li l-benefiċċji li tiġi introdotta taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fl-UE biss jew fost xi wħud biss mill-Istati Membri tal-UE huma dubjużi ħafna.

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 80

Kontra: 122

Astensjonijiet: 14

EMENDA 4

ECO/617 — It-tieni sett ta' rizersi proprji ġodda

Paragrafu 3.19

Ibdel it-test kif ġej

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Il-KESE jfakkar li l-uniku objettiv tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri maqbul bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew kien biex iħeġġeġ lill-imsieħba kummerċjali tal-UE jiddekarbonizzaw il-produzzjoni tagħhom flimkien mal-UE. Dan ġie propost bħala riżorsa proprja fl-ewwel pakkett. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tqis il-possibbiltà ta' imposta addizzjonali mmirata lejn kumpaniji tal-UE li jimportaw prodotti minn manifatturi ta' pajjiżi terzi li ma jiżgurawx protezzjoni xierqa tal-ħaddiema. Din l-għażla titqies biss sakemm tkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO u soġġetta għal kriterji ċari meta tiġi applikata. Din l-imposta tista' ttipprovdi ċerta protezzjoni lill-ħaddiema f'pajjiżi terzi u bil-mod il-mod tgħin biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwivalenti f'termini ta' kundizzjonijiet tax-xogħol bejn l-UE u blokk kummerċjali oħra. Fl-istess ħin, il-KESE jappella għal xi forma ta' eżenzjoni mid-dazji tal-esportazzjoni sabiex il-kumpaniji tal-UE jkunu jistgħu jikkompetu fi swieq terzi. Dan ġie enfasizzat f'Opinjoni preċedenti tal-KESE dwar is-CBAM.</p>	<p>Il-KESE jfakkar li l-uniku objettiv tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri maqbul bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew kien biex iħeġġeġ lill-imsieħba kummerċjali tal-UE jiddekarbonizzaw il-produzzjoni tagħhom flimkien mal-UE. Dan ġie propost bħala riżorsa proprja fl-ewwel pakkett. Fl-istess ħin, il-KESE jappella għal xi forma ta' eżenzjoni mid-dazji tal-esportazzjoni sabiex il-kumpaniji tal-UE jkunu jistgħu jikkompetu fi swieq terzi. Dan ġie enfasizzat f'Opinjoni preċedenti tal-KESE dwar is-CBAM.</p>

Raġuni

L-istess bħar-raġuni għall-paragrafu 1.6.

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 78

Kontra: 129

Astensjonijiet: 11

L-emendi li ġejjin ġew adottati matul id-dibattitu, iżda rċevew mill-inqas kwart tal-voti mixħuta favur iż-żamma tat-test oriġinali (Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura):

EMENDA 1

ECO/617 — It-tieni sett ta' riżorsi proprji ġodda

Paragrafu 3.18

Ibdel it-test kif ġej

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Kif issuġġerit ukoll mill-Parlament Ewropew, tista' tiġi esplorata l-possibbiltà li s-servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-BEFIT, jew li tiġi żviluppata taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-taxxa għandhom imbagħad jiġu kkombinati ma' regoli mmirati bl-għan li jiddedikaw parti mid-dħul addizzjonali mit-taxxa mistenni għar-riżorsi proprji tal-UE. Madankollu, il-KESE jifhem li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tista' possibbilment tagħmel lill-UE inqas kompetittiva, speċjalment jekk tiġi applikata biss fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq bażi wiesgħa x'aktarx li ma tiġborx ħafna f'termini ta' dħul iżda xorta tista' tħalli impatt negattiv fuq in-negozji u l-unitajiet domestiċi Ewropej, u potenzjalment tnaqqas it-tkabbir b'aktar pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi.</p>	<p>Kif issuġġerit ukoll mill-Parlament Ewropew, tista' tiġi esplorata l-possibbiltà li s-servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-BEFIT, jew li tiġi żviluppata taxxa globali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, filwaqt li jiġu vvalutati l-impatti possibbli. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-taxxa għandhom imbagħad jiġu kkombinati ma' regoli mmirati bl-għan li jiddedikaw parti mid-dħul addizzjonali mit-taxxa mistenni għar-riżorsi proprji tal-UE.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 96

Kontra: 91

Astensjonijiet: 15

EMENDA 2

ECO/617 — It-tieni sett ta' riżorsi proprji ġodda

Paragrafu 1.5

Ibdel it-test kif ġej

Opinjoni tas-sezzjoni	Emenda
<p>Il-KESE jqis li huwa raġonevoli li tiġi esplorata l-possibbiltà li s-servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-BEFIT jew li tiġi żviluppata taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji kif propost mill-Parlament Ewropew. Madankollu, il-KESE jifhem li taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tista' possibbilment taffettwa l-kompetittività, u tista' ma twassalx għal dħul addizzjonali sinifikanti.</p>	<p>Il-KESE jqis li huwa raġonevoli li tiġi esplorata l-possibbiltà li s-servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-BEFIT jew li tiġi żviluppata taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji kif propost mill-Parlament Ewropew filwaqt li fl-istess ħin jiġu vvalutati l-impatti tal-proposta.</p>

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 126

Kontra: 79

Astensjonijiet: 8